# IL-PARROĊĊA TA' BIRKIRKARA 300 SENA ILU

*minn Rev. Kan. Vinc. Buhagiar*

Il-Parroċċa antika ta' Santa Liena bil-knisja tagħha fil-Harhar, jew tal-Bakkar ħasset il-bżonn li tkun aktar fiż-żgur jekk tidħol iżjed 'il ġewwa lejn il-kampanja, u titbiegħed mix-xtut perikolużi. Il-Knisja tal-Bakkar f'dawn iż-żmenijiet imbegħda kellha ċimiterju wisa' magħha; wara li l-parroċċa marret band'oħra, il-knisja baqgħet sejra lura għax in-nies abbandunawha u fl-aħħar fl-1656 ġiet profonata mill-Awtorità Ekklesjastika, jiġifieri ma baqgħetx tajba għas-servizz u kult divin; però il-kleru ta' Birkirkara kien baqa' jitla' u jagħmel purċissjoni fit-tielet jum wara l-Għid il-Kbir u jbierek l-oqbra tal-parroċċa l-antika ta' S. Liena għax hemm kienu jinsabu midfuna l-antenati Karkariżi; ma nafux meta din il-purċizzjoni ta' S. Liena spiċċat minn hemm. Ma jidhirx li din il-knisja ta' S. Liena kellha xi renti kbar, imma kienu biżżejjed biex iservu għall-għasar u l-quddiesa bil-kant f'jum il-festa u jinxtegħel il-lampier[1].

Wara Dun Ġużepp Bellia, laħaq Kappillan Dun Filippu ;Borg u ħa l-pussess fil-15 ta' Frar, 1594, fil-knisja medjevali ta' S. Marija Assunta li kienet mibnija f'xifer tar-raħal 'l bogħod mill-qalba ta' l-abitazzjoni ta' Birkirkara. Il-popolazzjoni ta' dak iż-żmien, ta' madwar tliet elef u ħames mija kienet kważi daqs dik tal-belt il-ġdida Valletta. Il-Kappillan il-ġdid malajr ħa ħsieb biex iġedded u jkabbar il-knisja li wiret mingħand ta' qablu, għalhekk qabbad lil Vittorio Cassar, iben Ġerolamo, biex jagħmillu pjanta ta' knisja oħra isbaħ. Kienet naqra awstera, imma x-xogħol tagħha ħadu f'idejh Tumas Dingli minn Ħ'Attard, li żejjinha bi skultura tassew fina minn barra u minn ġewwa. Din kienet il-parroċċa l-ġdida ta' l-Assunta li tlestiet fl-1642, u bil-koppla li tlestiet aktar tard fl-1656. F'din il-knisja baqa' jinżamm il-kwadru ta' S. Liena, it-titular l-antik. Dan it-titular reġa' ħa l-ħajja meta f'din il-knisja bis-saħħa ta' Dun Filippu Borg twaqqfet il-Kolleġġjata l-ġdida bit-titolu ta' S. Liena u bil-parroċċa magħha.

Qabel Dun Filippu Borg il-parroċċa ta' S. Liena kellha diġà seba' kappillani oħra, min fil-knisja tal-Għargħar, u min f'dik ta' S. Marija Assunta. Dawn kienu: Dun Mattew Galea (1436); Dun Mikiel Falzon (1488), dan barra li kien kappillan kien ukoll Vigarju Ġenerali ta' żewġ Isqfijiet Paternò u Valguernera; Dun Nerik ta' Bordi (1508), dan kien kanoniku kantur tal-Katidral u Vigarju tad-Djoċesi meta ma jkollhiex Isqof; miet imgħarraq fil-baħar huwa u sejjer Palermo fuq xogħol importanti tad-Djoċesi; Dun Ġwann

*ikompli*

Pisano (1520); Dun Nikol Zammit (1544); Dun Ġio. Mattew Camilleri (1545); u Dun Ġusepp Bellia (1545) li dam ħafna kappillan ta' Birkirkara, u li fi żmienu Ħ'Attard, Bordì u Mann saru parroċċa għalihom.

Billi t-territorju tal-parroċċa ta' Birkirkara kien tassew kbir, ma naqasx li jkun hemm ukoll għadd kbir ta' knejjes, kemm fil-qalba tal-parroċċa kif ukoll fit-trufijiet. Kien hemm madwar erbgħin waħda imxerrdin 'l hawn u l-hemm. Xi wħud minnhom maż-żmien ġew imġedda u mkabbra, oħrajn żviluppaw f'parroċċa għax kellhom numru ta' nies madwarhom li jinqdew bihom. Ġara però li oħrajn ġew ittraskurati, jew ma kienux jaqdu sewwa l-ħtiġijiet tal-poplu, jew waslu fi stat perikoluż u għalhekk l-Awtorità tal-Knisja ma ħallithomx aktar jiffunzjonaw; il-piżijiet tagħhom u l-kwadri li kellhom għaddew għall-knejjes oħra, jew inġabru fil-knisja tal-parroċċa.

Se nipprova minn dawn il-knejjes kollha tal-parroċċa, insemmi biss xi wħud li għadhom jiffunzjonaw u jinsabu fi stat tajjeb għalkemm forsi xi ftit jew wisq mibdula fl-għamla tagħhom. U nibda bil-knisja fil-Wied ta' Birkirkara dedikata lill-Konversjoni ta' S. Pawl Appostlu. Din inbniet l-ewwel darba fl-1538 u kellha ċimiterju quddiemha b'kolonna tal-ġebel u salib fuqha. Din il-knisja tneħħiet u nbniet oħra minflokha, li llum hija mżejna bil-pittura tal-Profs. Ġius. Briffa (1948), u ffrekwentata ħafna mid-devoti tal-qaddis. Kienet issir purċissjoni f'Santa Marija f'din il-knisja flok f'dik ta' l-Assunta billi din ġiet profonata fl-1658 u spiċċat.

Fil-pjazza tar-raħal, naqra l-bogħod mill-parroċċa, i.e. mil-Knisja l-Qadima, madwar 225 pass kien hemm knisja żgħira ferm ta' S. Katerina mibnija l-ewwel darba fl-1571 minn Nardu Tonna, imma wara, fl-1620 ġiet imkabbra għax il-parruċċani rieduha u ħallsu għaliha. Fil-Festa tal-qaddisa wara l-għasar u l-quddiesa min kien preżenti kien jitrejjaq b'xi ħaġa ta' l-ikel li kien iqassam il-prokuratur. Knisja oħra viċin il-pjazza ta' S. Katerina hija dik tal-Lunzjata li llum ma għadhiex teżiżti għar-raġuni li l-Kapitlu ta' S. Liena dak iż-żmien (1724) qatagħha li jibni l-parroċċa l-ġdida ta' S. Liena minflokha u mhux minflok dik ta' S. Katerina. Il-Knisja tal-Lunzjata kienet miżmuma tajjeb ħafna, kellha ċimiterju magħha, u mdawrha bl-abitanti u bil-ġonna.

Il-proprjetarji tagħha, fosthom xi kanoniċi, kienu għadhom kemm irrinovaw il-kwadru ta' l-altar tal-knisja, imma wara li din il-knisja ċediet postha, il-kwadru l-ġdid ġie inserit fil-bini l-ġdid fuq wieħed mill-altari, f'dak tal-Lunzjata. Għad baqa' xi ħitan mill-knisja l-qadima tal-Lunzjata li jidhru nkorporati fil-knisja l-ġdida.

*ikompli*

Jiena qed nikteb dan l-artiklu ta' tagħrif fuq il-knejjes rurali ta' Birkirkara għax fil-parroċċa għandna numru sabiħ ta' żgħażagħ intelliġenti li mhux biss jixtiequ jafu x'kienet il-parroċċa tagħna fl-imgħoddi, imma wkoll li jagħmlu xi riċerki fuq l-istorja ta' Birkirkara li hija nteressanti tassew.

Knisja oħra li għandha x'taqsam direttament ma' perjodi koroħ ta' epidemija, kolera u pesta, hija dik ta' S. Rokku, illum ftit 'il fuq mill-parroċċa l-ġdida ta' S. Liena. Il-Knisja ta' S. Rokku taf il-bidu tagħha mill-pesta li faqqgħet f'Malta fl-1592/93. Kien Mattew, iben Franġisku Grech li beda jkabbar id-devozzjoni ġdida lejn S. Rokku, protettur konta l-mard tal-pesta, u bena din il-knisja avolja żgħira għall-qaddisin S. Rokku u S. Bastjan. Maż-żmien ġiet ittraskurata u profanata fl-1639, iżda meta reġgħet tfaċċat il-pesta f'Malta fl-1676, malajr din il-knisja ħadet ir-ruħ u nbniet mill-ġdid[2].

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba, li l-antenati tagħna jafuh iżgħar milli hu llum, kien wisq iżgħar fil-bidu tiegħu, u għandu storja antika ħafna, ta' mijiet kbar ta' snin: l-isem biss jixhidlu, għax ħa ismu mill-ħerba tiegħu stess li sofra fl-imgħoddi. Il-Knisja tal-"Ħerba" kienet kappella devota u frekwentata u li kienet tinsab ħdejn kappella oħra ta' l-istess isem, ukoll antika ħafna u devota, magħrufa għall-għadd kbir ta' devoti li kienu jiġu jżuruha minn kull naħa ta' Malta[3].

Minħabba f'hekk iż-żewġ kappelli ngħaqdu flimkien, u reġgħu nbnew, kif nafuhom illum, iżda b'mod aktar eleganti fl-1640. Il-Knisja tal-"Ħerba" ġiet ikkonsagrata solennement mill-Isqof Fra Vincenzo Labini fit-23 ta' Marzu 1783; iżda wara l-inkoronazzjoni tax-xbieha tal.Madonna fl-1910, inħass il-bżonn li l-bini tas-Santwarju jikber; u għalhekk żdiedulu l-kappelluni, l-kor u l-koppla u ġie mżejjen bil-pittura ta' Gius. Briffa fl-1952. Ħaġa nteressanti hi li Giulianu Borg fl-1658 barra li ħalla fundazjoni ta' xi quddies fil-festi, ried li tingħata xi kolazjoni għal dawk li jattendu għall-għasar tal-festa, imma din tbiddlet f'għotja ta' karità lill-foqra ta' Birkirkira.

Fit-tarf tal-parroċċa ta' Birkirkara, madwar 1090 pass il-bogħod mill-knisja parrokkjali (Knisja l-Qadima) kien hemm dik ta' S. Giusepp; iżda din ma kienetx tiddependi direttament mill-parroċċa ta' S. Liena, imma mill-Ordni tal-Kavallieri ta' S. Ġwann ta' Ġerusalemm. Kien jitqaddes fiha l-quddies fi ġranet ta' festa ta' preċett.

Ngħaddu għall-knisja aktar fil-bogħod, dik ta' S. Vendra li tinsab xi 362 pass 'l hemm mill-knisja ta' S. Giusepp li semmejna. Din kienet knisja antika tassew u devota ħafna li bil-kunsens tal-

*ikompli*

Isqof Balaguer fl-1647 reġgħet inbniet f'għamla akbar u aktar deċenti, mill-flus li kienu jagħtu n-nies. Għalkemm fl-antik kienet titolu ta' kanonikat tal-Katidral, madanakollu l-għasar u l-quddiesa kantata kienu jsiru mill-kappillan ta' Birkirkara jew mill-vigarju tiegħu; kellha wkoll ċimiterju li fih, jingħad, indifnu suldati barranin. Il-Knisja ta' S. Vendra jew Veneranda żviluppat u saret parroċċa għaliha fl-1918.

Knisja mportanti fl-istorja ta' Birkirkara hija dik ta' S. Ġiljan dedikata lill-Axxensjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, jew Lapsi. Din il-knisja magħrufa bħala ta' S. Ġiljan tal-Qaliet inbniet fl-1593 u kellha ċimiterju ħdejn il-baħar. Kienu jiġu jżuruha nies devoti mill-gżira kollha speċjalment fil-ġurnata ta' Lapsi. Kienet mżejna bi kwadri tal-pittura mgħotija mill-Isqof Cagliares; imbagħad fl-1682 bdiet tiela' l-knisja l-ġdida akbar u isbaħ. Ma dametx tiela' għax fl-14 ta' Mejju 1683 ġiet imbierka mill-Vigarju Ġenerali Kan. Ludoviku Famucelli. Il-Kwadru ta' l-altar maġġur kellu skrizzjoni li tgħid: "Dan il-kwadru ġie mogħti minn Fra Joannes Terrazocin. Kommendatur ta' Tours, u Ruel", u "il-pittur Antonio Catalanus fl-1596".

Iż-żewġ altari li kellha, bil-kwadru ta' S. Anna u l-ieħor ta' l-Axxensjoni, kienu mgħotija minn Duminku u missieru Baldassaret Ciantar, u l-pittur tal-kwadri kien Ġiuseppe D'Andrea minn Ruma[4]. Anke din il-knisja maż-żmien saret parroċċa fl-1891, u wara, nbniet knisja oħra sabiħa u moderna ftit il-bogħod minnha.

Mhux 'il-bogħod minn din il-knisja hemm oħra imsejħa "tal-Kunċizzjoni" li kien bena l-Pirjol tal-Lombardija Fra Rafel Spinola viċin il-palazz tiegħu ħdejn il-baħar. Taħt l-ewwel ġebla fis-16 ta' Ġunju 1687 tqiegħdu xi muniti tad-deheb tal-Markiż Napoleone Spinola, ħu Rafel; il-knisja tbierket fl-10 ta' Settembru 1688; fuq il-bieb maġġur tagħha hemm skrizzjoni[5], u fil-kwadru tal-Madonna, mpitter minn Ġiuseppe D'Andrea, jidher Fra Rafel Spinola fil-parti t'isfel.

Knisja oħra li kienet għadha kemm inbniet wara l-1604 kienet dik tal-Kunċizzjoni tal-Madonna, xi mil bogħod minn dik ta' S. Vendra, fid-daħla ta' ġewwa nett tal-port ta' Marsamxett fl-Imsida. Kienet miżmuma b'mod dinjituż mis-Sur Dionisio Famucelli. Il-post kien naqra umdu, kellha parapett quddiemha u ċimiterju warajha, u fis-sagrestija wieħed seta' jara żewġ kwadri antiki bil-bosta: wieħed tal-injam, għamla ta' piramida, u l-ieħor magħmul minn Pawlu Borg. Anki din il-knisja maż-żmien bdiet taqdi l-parroċċani tal-Imsida (1867) sa ma nbiet il-parroċċa l-ġdida ta' S. Ġiużepp aktar il-barra quddiem il-baħar.

*ikompli*

Nitkellmu issa, dejjem fil-qosor, fuq il-knisja ż-żgħira ta' Sidtna Marija 'Tal-Pietà' f'Daħlet il-Ħarrub, magħrufa wkoll bħala ta' S. Rokku fit-tarf ta' l-Imsida. Hawn dari fl-1617 l-Isqof Cagliares waqqaf il-Kunvent tal-Patrijiet Agostinjani, imma kien igħix fih Patri Luqa Zinghil tul ħajtu, u spiċċa fl-1653 billi sar benefizju. Però din il-knisja dejjem baqgħet taħdem speċjalment b'quddies nhar ta' Ħadd ma tul is-sena. Kellha u għad hemm magħha ċimiterju kbir li fih indifnu dawk mill-Belt Valletta li kienu morda bil-pesta. Fl-1592, 1593 u fil-1676, dati ta' żmien il-pesta, dan iċ-ċimiterju tkabbar permezz ta' għalqa li spiċċat mirduma fil-bini tas-swar, tal-Furjana. F'din il-knisja tad-Duluri hemm, fost l-oħrajn, l-altar ta' S. Katerina, tal-Madonna ta' Loreto u ta' S. Wistin. Mhux il-bogħod minnha, fuq il-gżira ta' Marsamxett, jew Lazzarett, hemm il-knisja ta' S. Rokku, protettur kontra l-mard li jittieħed.

Ħas-Sajjied jew Raħal Sajd kellu u għad għandu l-knisja tan-Nativitā tal-Madonna, iżda ċ-ċimiterju li kellha magħha m'għadux jeżisti. Kien hemm fundazjoni ta' quddiesa fil-ġimgħa mħollija minn Agostino Debono biex titqaddes fiha f'kull perjodu ta' tliet snin: l-ewwel sena fil-parroċċa ta' S. Liena, s-sena ta' wara fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħerba, u fit-tielet sena f'din il-knisja tan-Nativitā ta' Ħassajjed. Il-Knisja l-qadima ġiet maħtuta b'degriet ta' l-Isqof tat-12 ta' Ġunju 1655, għax kien hemm barriera tal-ġebel viċin il-bieb tagħha, li minnha kien jinqata' l-ġebel għall-bini ta' kappella u xogħol ieħor fil-knisja tal-parroċċa (Knisja l-Qadima). Wara regħet inbniet aħjar u isbaħ. F'din iż-żona ta' Ħas-Sajjied kien hemm knisja oħra devota u li n-nies kienu jħobbu jmorru fiha għall-quddies li kien isir matul is-sena, i.e. dik ta' l-Assunzjoni; ma nafx għaliex sa l-1615 kienu jsejħulha "tat-Tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija tal-Ħerba." Forsi għax kienet viċin?

Fost il-Knejjes li ma baqgħux jiffunzjonaw insemmgħu xi wħud: L-Assunta ta' l-Imrieħel, il-Lunzjata ta' Blas, S. Anard, u oħra S. Anard ta' Leilu, S. Andrija u S. Ġwann il-Battista t-tnejn fl-Għargħar, il-Lunzjata ta' Sillato, S. Filep ta' Aġġira ta' Bieb il-Gżira, S. Marija tal-Ponta ta' Dragut, S. Anna ta' Bendu; barra dawn kien hemm knejjes oħra fil-parroċċa ta' Birkirkara li mhux il-waqt li nsemmuhom.

1 Ark. Katt. Mdina: Vist. Past. 1680 p.p. 117-138.

2 Għal aktar tagħrif fuq din il-knisja, ara l-ktieb: "Il-Knisja ta' S. Rokku ta' Birkirkara."

3 A.K.M., Viż. Past. 1680 MS.180: "era molto devota, xi era concorso universale."

4 A.C.M: V.P. 1680 MS.180: "Chiesa di S. Giuliano",

5 L-iskrizzjoni tgħid hekk: "Hoc sacellum Mariae V. Ab Origine Immaculatae Raphel Spinola M. Prior insubr. Ord. Hier. A.D. MDCLXXXVIII extruxit et dignitate Abbatiali auctum annua proventu ditavit."